[*Din ħadet it-tieni premju*]

# IL-FATAT TAL-MALTEMP

Diċembru. Kesħa li xxoqq il-għadam. Irxiex tax-xita u riħ ħafif. Kull tant xi berqa, warajha sew, ragħda.

Imgezzez fi ħwejjeġ ħoxnin, mixħut fuq maqgħad qadim li kien iċaqċaq għal kull ċaqliqa li nagħmel, kont qiegħed naqra xi ħaġa. Ma' ġenbi kien hemm daqsxejn ta' mejda b'lampa u arloġġ fuqha. Ħdejn saqajja, Totò, il-kelb tiegħi, kien imrekken fuq biċċa xkora, jitriegħed.

Ix-xita bdiet tiżdied u l-ħoss qawwi li l-qtar beda jagħmel maż-żġieġ tat-tieqa ma ħallienix naqra. Dawwart il-maqgħad u qgħadt inħares lejn it-tieqa. Barra dlam ċappa: kienu t-tmienja ta' fil-għaxija. Iżda kull tant, berqa kienet iddawwal għal ħin wieħed ir-raba'. Warajha ragħda tikser is-skiet. Totò jgħolli geddumu, iħares lejja, u meta jieqaf l-irbumbjar, jerġa' jitgerbeb kif kien.

Kont ili ngħammar f'dik il-kamra mina April. Kienet tiġi fuq it-triq li minn Ħal Tarxien 'tati għal Ħal Luqa. Magħha kelli għalqa kbira, fejn ma' tul il-jum kont naħdem u nedha. Minn xi daqqiet, filgħodu kmieni, kont immur għal kaċċa.

Għall-ewwel li kont sa nikriha dik il-kamra, xi ħbieb ħassruli. Qaluli li fix-xitwa, in-naħa tagħha, kienu jaraw il-fatati. Imma ħrafa bħal din xejn ma beżżagħtni, għax jien bil-fatati, ħorsien u ħmerijiet oħra bħal dawn, ma nemminx. Toni ta' Marì ta' Zolli qalli li darba rah hu stess il-fatat, idur ma' dik l-imbierka kamra. Kien maltemp meta rah, bħal dik il-lejla. U la rajtu int, kont għedtlu, u għadek ħajj, x'fiha billi narah jien ukoll ?

Ix-xitwa waslet, u ħejjejt ruħi biex xi darba nara dal fatat. Iljieli koroħ għamlh bosta, iżda is-sur Fatat, kif kont ħsibt jien, ma deherx. Forsi kien tilef l-umbrella, jew serquhielu.

Kif kont qiegħed naħseb dan kollu, bdejt inxomm bħal riħa ta' ħruq. Kien inħela l-petrolju tal-lampa, u bdiet tinħaraq il-ftila. Billi ma kelli ebda ħajra li noqgħod indellek idejja bil-pitrolju, qbadt il-lampa, infaħt fit-tubu u bqajt fid-dlam inħares lejn il-maltemp. Ix-xita kienet għadha ma naqset xejn. Baqa' jberraq u jriegħed bħal qabel. Għaddast rasi fuq sidri, u wara ftit, għajni marret bija.

Kemm domt rieqed ma nafx. Naf li ħlomt bil-fatati, u li meta qomt ix-xita kienet għadha nieżla. Bqajt inħares ċass lejn it-tieqa, fid-dlam, u bdejt naħseb fuq il-ħolma li ħlomt, kienet tal-biża'. Fatati bojjod u twal, iħarsu lejja w iwerżqu, ixejru dirgħajhom u jaqbżu. Mal-qbiż u ċ-ċaqliq tagħhom, bdew jinstemgħu il-ħsejjes tal-ktajjen li kellhom marbutin ma' dir-

hom u ma riġlejhom. Kienet ħolma tal-biża', imma ħolma.

F'daqqa waħda, kif kont qiegħed naħseb f'din il-ħolma, nara maż-żġieġ tat-tieqa, wiċċ! Berqa li għamlet dak il-ħin dawlitu. Kien wiċċ bil-leħja, u xagħar imqanfed. Faqqgħet sajjetta, u l-wiċċ ma deherx aktar. Mingħajr ma ridt, ħsiebi mar fuq il-Fatat tal-Maltemp, u tkexkixa ta' bard u ta' biża' regħditli ġismi kollu. Il-fatat! Qabel ma kont rajtu, kont nixtieq narah, imm'issa li rajtlu wiċċu, intlejt bil-biża'. Ridt inqum biex inġib l-ixkubetta, imma bir-rogħda li kelli f'saqajja ma stajtx. Kont qiesni msammar mal-maqgħad. Xagħri qam rizza. B'għajnejja mqabbżin xiber il-barra, bqajt inħares lejn iż-żġieġ mudlam tat-tieqa, nistenna minn waqt għallieħor li nerġa nara dak il-wiċċ tal-biża', wiċċ il-fatat. Berqa oħra, u warajha l-ħsejjes waħxin tar-ragħad. Fid-dawl tal-berqa, rajt it-taqtir tax-xita, jiċċarċar maż-żġieġ, imma l-wiċċ ma kienx hemm. Kont rajt sewwa? Jew *ħsibt* li rajt wiċċ?

Dan id-dubju malajr tarli minn rasi, għax f'dak il-ħin stess, bħal ħaġa sewda għaddiet bil-mod il-mod minn taħt it-tieqa.

Din id-darba għelibt il-biża', ersaqt lejn il-bieb, neħħejt l-istanga, u nissamma. Ebda ħoss, ħlief dak tax-xita. Tgħid niftaħ? Bexxaqt il-bieb ftit ftit, bir-rogħda. Kif ftaħtu seww, ħoss qiesu ta' mitt elf platt jinkisru f'daqqa, u berqa ta' dawl li jagħmik ġiegħeluni nagħlaq malajr. Sajjetta! Mill-ġdid ftaħt il-bieb, u ħriġt barra, fix-xita u fil-ksieħ. Taħt it-tieqa seww, kien hemm bħal sorra sewda.

—Min hemm? staqsejt.

Bi tweġiba, s-sorra bdiet tinkixef u minn taħtha qam bil-wieqfa raġel xwejjaħ. Kif rajtlu wiċċu għaraftu. Kien hu, il-wiċċ li rajt wara t-tieqa.

—Ma ddaħħalnix nistkenn ftit, sieħeb? qalli "l-fatat".

—Għaddi, għedtlu.

B'mixja ta' wieħed għajjen, ix-xwejjaħ resaq lejja, u waqaf quddiem il-bieb. Kien imxarrab għasra u snienu kienu jinstemgħu jċekċku.

—Għaddi, barb, għaddi, tennejtlu.

Daħal, u jien dħalt warajh, ħwejjiġna jqattru t-tnejn Totò beda jinbaħ.

—Għax ma ħabbattlix, barb, flok qgħadt tixxarrab hemm barra? Neħħi dawk il-ħwejjeġ minn fuqek, issa ntik xi ħaġa niexfa x'tilbes. Iskot Totò...Tibżax, barb, ma jigdimx. Stenna ftit ħa' nixgħel il-lampa. Ħa...ara jiġukx dawn. Biddel hemm, f'dik ir-rokna ħalli issa nieklu xi ħaġa flimkien. Iskot Totò.

KOLA (EDGAR DARMANIN)